A.L. 230 ta' l-1997

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Ordni ta' l-1997 dwar Helsien minn Taxxa Doppja (Bastimenti u Inġenji ta' l-Ajru) (Stati Uniti ta' l-Amerika)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għamel l-Ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1997 dwar Helsien minn Taxxa Doppja (Bastimenti u Inġenji ta' l-Ajru) (Stati Uniti ta' l-Amerika). Titolu.

2. Huwa b'dan dikjarat li – Taxxi koperti u bidu fis-seħħ.

(a) il-Ftehim speċifikat fl-Iskambju ta' *Notes Verbales* murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni sar ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika sabiex jinħata ħelsien minn taxxa doppja għar-rigward tat-tassazzjoni ta' l-*income* miksub mit-thaddim internazzjonali ta' bastimenti u inġenji ta' l-ajru; u

(b) il-Ftehim beda jseħħ fil-11 ta' Marzu, 1997 u hu effettiv dwar *income* miksub fl-1 ta' Jannar, 1997 jew wara dik id-data.

SKEDA

(1065)

L-Ambaxxata ta' Malta tippreżenta l-kumplimenti taghha lid-Dipartiment ta' l-Istat ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u ghandha l-unur tipproponi li ż-żewġ gvernijiet jidħlu fi ftehim li jeżenta mit-taxxa fuq l-*income*, fuq bażi reċiproka, *income* li jinkiseb minn residenti tal-pajjiż l-ieħor mit-thaddim internazzjonali ta' bastimenti u inġenji ta' l-ajru. Dawn il-patti ta' ftehim li qegħdin jiġu proposti ġew abbozzati fuq il-mudell ta' diversi ghamliet ta' ftehim li l-Istati Uniti ghandhom ma' gvernijiet ohra:

Il-Gvern ta' Malta jaqbel li jeżenta mit-taxxa *income* gross li jinkiseb mit-thaddim internazzjonali ta' bastimenti jew ta' inġenji ta' l-ajru minn individwi li jkunu residenti ta' l-Istati Uniti (li ma jkunux ċittadini ta' Malta) u korporazzjonijiet li jkunu inkorporati fl-Istati Uniti.

Fil-każ ta' korporazzjoni ta' l-Istati Uniti, l-eżenzjoni ghandha tkun biss tapplika jekk il-korporazzjoni tkun konformi ma' xi wahda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(1) *stock* tal-korporazzjoni jkun primarjament u regolarment mqieghed fil-kummerċ f'suq tat-titoli stabbilit fl-Istati Uniti, f'pajjiż ieħor li jaghti eżenzjoni reċiproka lil korporazzjonijiet Maltin jew f'Malta, jew

(2) li iktar minn hamsin (50) fil-mija tal-valur ta' *stock* tal-korporazzjoni jkun direttament jew indirettament jappartjeni lil individwi li jkunu residenti ta' l-Istati Uniti jew ta' xi pajjiż barrani ieħor li jaghti eżenzjoni ekwivalenti lil korporazzjonijiet Maltin jew lil xi korporazzjoni li tkun organizzata f'pajjiż li jaghti eżenzjoni ekwivalenti lil korporazzjonijiet Maltin u li jkollhom *stock* li jkun primarjament u regolarment mqieghed fil-kummerċ f'suq tat-titoli stabbilit f'dak il-pajjiż, f'pajjiż ieħor li jaghti eżenzjoni ekwivalenti lil korporazzjonijiet Maltin, jew f'Malta.

Il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, skond l-artikoli 872(b) u 883(A) ta' l-*Internal Revenue Code*, jaqbel li jeżenta mit-taxxa *income* gross li jinkiseb mit-thaddim internazzjonali ta' bastimenti u inġenji ta' l-ajru minn individwi li jkunu residenti ta' Malta (li ma jkunux ċittadini ta' l-Istati Uniti) u korporazzjonijiet li jkunu inkorporati f'Malta.

Fil-każ ta' korporazzjoni Maltija, l-eżenzjoni ghandha tkun biss tapplika jekk il-korporazzjoni tkun konformi ma' xi wahda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(1) *stock* tal-korporazzjoni jkun primarjament u regolarment mqieghed fil-kummerċ f'suq tat-titoli stabbilit f'Malta, f'pajjiż ieħor li jaghti eżenzjoni reċiproka lil korporazzjonijiet ta' l-Istati Uniti jew fl-Istati Uniti, jew

(2) li iktar minn hamsin (50) fil-mija tal-valur ta' *stock* tal-korporazzjoni jkun direttament jew indirettament jappartjeni lil individwi li jkunu residenti ta' Malta jew ta' xi pajjiż barrani ieħor li jagħti eżenzjoni ekwivalenti lil korporazzjonijiet ta' l-Istati Uniti jew lil xi korporazzjoni li tkun organizzata f'pajjiż li jagħti eżenzjoni ekwivalenti lil korporazzjonijiet ta' l-Istati Uniti u li jkollhom *stock* li jkun primarjament u regolarment mqiegħed fil-kummerċ f'suq tat-titoli stabbilit f'dak il-pajjiż, f'pajjiż ieħor li jagħti eżenzjoni ekwivalenti lil korporazzjoni ta' l-Istati Uniti, jew fl-Istati Uniti.

Għall-għanijiet ta' eżenzjoni mit-taxxa ta' l-Istati Uniti, il-Gvern ta' Malta jiġi trattat bħala individwu residenti f'Malta, u s-subparagrafu (2) għandu jitqies bħala li hu fis-seħħ jekk il-korporazzjoni tkun "korporazzjoni barranija kontrollata" skond ma hemm fl-*Internal Revenue Code*, b'dan illi l-azzjonisti ta' l-Istati Uniti ta' dawk il-korporazzjonijiet għandhom jiġu trattati bħallikieku kienu residenti ta' Malta.

F'dan il-ftehim:

(a) il-frażijiet "stat kontraenti" u "l-istat kontraenti l-ieħor" ifissru Malta jew l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li l-gvernijiet tagħhom dahlu f'dan il-ftehim.

(b) *income* gross tinkludi kull *income* miksub mit-thaddim internazzjonali ta' bastimenti u inġenji ta' l-ajru, inklużi:

(1) *income* mill-kirja fuq baži sħiħa (ta' żmien jew ta' vjaġġ) ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru li jintużaw għat-trasport internazzjonali;

(2) *income* mill-kirja fuq baži *bareboat* ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru li jintużaw fit-trasport internazzjonali;

(3) *income* mill-kirja ta' *containers* u tagħmir relatat li jintużaw għat-trasport internazzjonali li jkun inċidentali għal *income* mit-thaddim internazzjonali ta' bastimenti u inġenji ta' l-ajru; u

(4) kull qligħ mill-bejgħ jew trasferiment ieħor ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru li jintużaw fit-trasport internazzjonali li jinkiseb minn persuna li tkun primarjament involuta fit-thaddim internazzjonali ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru.

Fl-applikazzjoni ta' dan il-ftehim minn stat kontraenti, kull fraži li ma tkunx ġiet imfissra f'dan il-ftehim ghandu jkollha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tehtieġx xort'ohra, dak it-tifsir li jkollha skond il-liġijiet ta' dak l-istat f'dak li ghandu x'jaqsam mat-taxxi li l-ftehim ikun japplika ghalihom.

Il-Gvern ta' Malta jipproponi illi, jekk dak li hemm imsemmi qabel huwa aċċettabbli ghall-Gvern ta' l-Istati Uniti, din in-nota u n-nota tad-Dipartiment b'risposta ghaliha ghandhom jikkostitwixxu ftehim. Il-ftehim jibda jsehh fid-data li ġġib in-nota tad-Dipartiment b'risposta u jkollu sehh dwar *income* miksub fi jew wara l-1 ta' Jannar, 1997.

Dan il-ftehim ghandu jibqa' jsehh sa meta l-Gvern ta' stat kontraenti jew l-iehor jaghti avviż bil-miktub tat-terminazzjoni tal-ftehim lill-istat kontraenti l-iehor permezz tal-kanal diplomatiku.

L-Ambaxxata ta' Malta tieħu din l-opportunità biex iġġedded lid-Dipartiment ta' l-Istat ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika kull assigurazzjoni ta' l-oghla stima taghha.

26 ta' Diċembru, 1996

Ambaxxata ta' Malta
Washington, D.C.

Id-Dipartiment ta' l-Istat jirreferi lill-Ambaxxata ta' Malta ghan-nota 1065 ta' l-Ambaxxata tas-26 ta' Diċembru, 1996, li tirrigwarda l-eżenzjoni reċiproka mit-taxxa fuq l-*income* ta' *income* li jinkiseb mit-thaddim internazzjonali ta' bastimenti u inġenji ta' l-ajru.

Id-Dipartiment ta' l-Istat jikkonferma li l-proposti li jinsabu fin-nota ta' l-Ambaxxata huma aċċettabbli ghall-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Ghaldaqstant, din in-nota u n-nota ta' l-Ambaxxata tas-26 ta' Diċembru, 1996, jikkostitwixxu ftehim li jibda jsehh fid-data li ġġib din in-nota b'risposta u dan ikollu sehh dwar *income* miksub fi jew wara l-1 ta' Jannar, 1997. Dan il-ftehim ikompli jsehh sa meta l-Gvern ta' xi wieħed mill-istati kontraenti jaghti avviż bil-miktub tat-terminazzjoni tal-ftehim lill-istat kontraenti l-iehor permezz tal-kanal diplomatiku.

Dipartiment ta' l-Istat,
Washington,
11 ta' Marzu, 1997.